MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Numru. 93/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**JAMES VELLA**
**KAREN BUSUTTIL**
**HERMAN MCKAY**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Vella, ta’ 23 sena, iben George u Nathalie nee’ Agius, imwieled Pieta' nhar it-2 ta’ Ottubru 1980, u li joqghod ‘Brandon Flats’, Flat 2 , Triq Gulju, San Pawl il-Bahar u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 469180(M).

Kif ukoll lil Karen Busuttil, ta’ 24 sena, bint Francis u Josephine nee’ Agius, imwielda Pieta’ nhar it-30 ta’ Awissu 1979 u li toqghod ‘Brandon Flats’, Flat 2, Triq Gujlu, San Pawl il-Bahar, u li ghandha il-karta tal-identita bin-numru 400179(M).

Kif ukoll lil Herman Mckay, ta’ 20 sena, iben Martin u Doris nee’ Mifsud, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ Novembru 1983 u li joqghod ‘Mardor House’, Sqaq Armal, Triq Valletta, Qormi, u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 590483(M).

Gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn l-10 ta’ Frar 2002 u il-jiem ta’ qabel din id-data, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ pjancai tar-registrazzjoni tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAC-384 kif ukoll il-licenza tal-istess vettura, aggravat bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ persuna b’identita mhux maghrufa kif ukoll ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;
U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, matul l-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li ppretendew li kellhom, gieghelu bl-awtorita taghhom infushom lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu, jew hattew bini, jew kisru il-mixi tal-ilma jew hadu l-ilma ghalihom, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor;

U lil Herman Mckay u lil Karen Busuttil wahedhom akkuzati talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

U finalment lil James Vella u lil Herman Mckay talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, irrendew rwiehhom recedivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstabu hatja ta’ reati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CB4 u nnutat li l-imputati James Vella, Karen Busuttil u Herman Mckay m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati James Vella u Herman McKay iddikjaraw li huma hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-ahhar akkuza migjuba kontra taghhom, liema l-ahhar akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputati James Vella u Herman McKay bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati James Vella u Herman McKay wiegbu li huma hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-ahhar akkuza migjuba kontra taghhom, liema l-ahhar akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata Karen Busuttil iddikjarat li hija hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Karen Busuttil bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata Karen Busuttil wiegbet li hija hatja tat-tieni akkuza migjuba

kontra taghha, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li jaqblu li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha li tirrigwarda serq aggravat kif ukoll it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputati kollha li tirrigwarda ricettazzjoni inghataw bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati kollha liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talbu li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputati kollha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati James Vella u Herman McKay l-artikoli 85, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati James Vella u Herman McKay, fuq ammissjoni, hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll tal-ahhar akkuza migjuba kontra taghhom, liema l-ahhar akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputati James Vella u Herman McKay ghall-piena ta’ elf Ewro (Ewro 1,000) multa kull wiehed.

Rat fil-konfront tal-imputata Karen Busuttil l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Karen Busuttil, fuq ammissjoni, hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha, liema tieni akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputata Karen Busuttil taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha li tirrigwarda serq aggravat kif ukoll it-tielet akkuza migjuba

kontra l-imputati kollha li tirrigwarda ricettazzjoni fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha u t-tielet akkuza ukoll migjuba kontra l-imputati kollha kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati kollha u t-tielet akkuza ukoll migjuba kontra l-imputati kollha.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Karen Busuttil l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------